**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 3 ta' Frar 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kurt Zahra)**

**vs**

**Josef (Joseph) Sharfid**

Il-Qorti

**1**. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Josef (Joseph) Sharfid** ta' 25 sena iben Mohammed u Maria Dolores Mangion, imwieled Pieta` nhar id-9 ta' Awwissu 1975, residenti No. 111 Flat 3, Strada Stretta, il-Belt Valletta, u detentur tan-numru tal-karta tal-idnetita` 392375M.

Akkuzat talli:

1. Nhar l-1 ta' Gunju 2001, wara nofs in-nhar fi Triq R. Caruana Dingli, San Gwann, ikkometta serq ta' stereo tal-marka Pioneer minn go vettura JEB 501, liema serq hu kwantifikat bil-mezz, xorta tal-haga misruqa u valur li jaccedi Lm100 (mitt lira Maltin) izda anqas minn Lm1000 (elf lira Maltin), ghad-detriment ta' Jerome Licari.

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'Malta, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxijhom.

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` vettura JEB 501 tal-marka Pajero, liema hsara taccedi Lm500 (hames mitt lira Maltin) ghad-detriment ta' Jerome Licari.

4. Talli irrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar 5 ta' Lulju 1994, 12 ta' Ottubru 1994, 20 ta' Marzu 1995, 30 ta' Marzu 1995, 24 ta' April 1995, 23 ta' Novembru 1994, 14 ta' Mejju 1996 u l-5 ta' Frar 1998, kif ukoll mill-Qorti tal-Appell datati nhar 19 ta' Jannar 1995 u 16 ta' Jannar 1998 rispettivament, liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

**2.** Rat il-kunsens tal-Avukat Generali skond l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-proceduri sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk trattata.

**3.** Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

**4.** Rat li fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2020, il-partijiet irrimettew ruhhom ghall-provi u qablu li l-kawza tista' tithalla ghas-sentenza.

**Il-Fatti**

**5.** Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

i. Fl-1 ta' Gunju 2001, Jerome Licari ghamel rapport mal-Pulizija, li waqt li kien qieghed San Gwann daqqitlu l-alarm tal-karozza.

ii. Hu mar jiccekkja, u sab persuna fil-karozza, li kien dahal billi kisser wahda mit-twieqi.

iii. Il-persuna li kien fil-karozza hareg minnha, u telaq jigri. Licari gera warajh u gibidlu l-gakketta, u din il-persuna waqghalu l-istereo li kien qed izomm fil-gakketta. Dan l-istereo kien inqala' mill-karozza ta' Licari. Din il-persuna harbet u Licari ma rnexxilux jaqbdu.

iv. Sussegwentement, il-Pulizija urew lil Licari diversi ritratti ta' persuni suspettati li ghandha, u Licari gharaf lill-imputat bhala l-persuna li dahallu fil-karozza. Saret ukoll *identification parade*, fejn Licari rega' gharaf lill-imputat bhala l-persuna li dahallu fil-karozza.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

**6.** Ghalkemm ma giet sollevata l-ebda eccezzjoni fir-rigward, din il-Qorti tibda biex tghid li se tiskarta l-istqarrija tal-imputat, stante li meta din giet rilaxxata fl-2001, il-ligi Maltija ma kinietx tippermetti li s-suspettat jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju. Il-Qorti qed taghmel dan, in konformita ma' diversi sentenzi tal-Qrati taghna u tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

**7.** Jerome Licari, l-allegata vittma, xehed darbtejn f'dawn il-proceduri. Huwa kien konsistenti fix-xhieda tieghu u fil-verzjoni tal-fatti, u rega' gharaf lill-imputat bhala l-persuna li kien sab fil-karozza tieghu. Din il-Qorti m'ghandhix raguni valida ghalfejn ma temminx lil dan ix-xhud.

**8.** Licari xehed ukoll li konsegwenza ta' dan l-incident hu sofra danni fil-vettura tieghu fl-ammont ta' cirka LM550, u gew ukoll epprezentati l-ircevuti relattivi.

**9.** Ghaldaqstant, il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni dedotti kontra tieghu.

**10.** It-tieni imputazzjoni, u cioe dik ta' ricetazzjoni giet moghtija bhala alternattiva ghal dik ta' serq ikkwalifikat fl-ewwel imputazzjoni, u konsegwentement din il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

**11.** Rigward ir-raba' imputazzjoni, u cioe dik tar-recidiva, din tirrizulta ampjament ppruvata bis-sentenzi ezebiti mill-Prosekuzzjoni.

**Konsiderazzjoni dwar Piena**

**12.** Ghal fini tal-piena, il-Qorti ikkonsidrat ir-reat ta' hsara volontarja kontemplat fit-tielet imputazzjoni, huwa assorbit fir-reat aktar gravi ta' serq ikkwalifikat, stante li serva bhala mezz ghall-fini sabiex gie kommess l-istess reat ta' serq aggravat u dan ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali.

**13.** L-imputat ghandu fedina penali raffrettarja b'ghexieren ta' kundanni minn dawn il-Qrati, il-maggoranza taghhom ta' serq ikkwalifikat. Huwa inghata piena karcerarja xejn inqas minn sitta u ghoxrin (26) darba. Dan kien dovut ghal fatt li l-imputat kellu problema akuta ta' abbuz ta' sustanzi illeciti.

**14.** Pero, jirrizulta li fil-mori ta' dawn il-proceduri, li parti sostanzjali taghhom qattaghhom il-habs jiskonta diversi pieni ta' prigunerija effettiva, l-imputat ha decizjoni li jbiddel hajtu u jirriforma ruhu. Fil-fatt il-Psikjatra Dottor Joseph Spiteri kien xehed fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2014 li fl-ghaxar snin precedenti hu ra differenza kbira fl-imputat, u qal hekk:
*"Iva d-differenza hija kbira fil-fatt ghaliex jiena naf lil Sharfid gol-hobs dejjem jaqla' l-problemi u llum il-gurnata qieghed il-Forensi, u mhux qieghed kwiet, ghax il-kwiet nibzghu minnu, imma qieghed jikkopera mar-regoli u jgib ruhu ta' nies u jifhem meta jizbalja u mhux baqa' impulsiv bhala kien."*[1]

**15.** Mir-rapport verbali tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta li ghal xi zmien l-imputat kellu kuntatt mal-Agenzija Sedqa, u kien beda wkoll programm residenzjali. L-imputat jghid ukoll li ghalkemm kien difficli, huwa waqaf ukoll jiehu l-methadone. Fil-fatt, ghalkemm l-imputat hareg mill-habs fl-2017, iz-zewg testijiet tal-urina li sarulu mill-Ufficjal tal-Probation f'Settembru 2020 rrizultaw fin-negattiv ghal sustanzi illeciti.

---

[1] Ara fol. 101 tal-process.

**16.** Ghalhekk jidher li l-imputat baqa' fit-triq it-tajba anke wara li hareg mill-habs, kif jirrizulta anke mill-fedina penali aggiornata tieghu.

**17.** Irid jinghad ukoll li fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2013, l-Ufficjal Prosekutur informa lill-Qorti li l-vittma Jerome Licari kien gie mhallas l-ammont kollu dovut lilu ta' €1270, uipprezenta kopja tal-ircevuti relattivi.[2]

**18.** Fil-fatt fir-rapport verbali tieghu, l-Ufficjal tal-Probation ikkonkluda li *"(m)ill-informazzjoni migbura jidher li kif juru c-cirkostanzi fil-prezent, Josef Sharfid huwa idoneu ghal ordni ta' servizz fil-komunita."*

**19.** Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Rittmar Hatherly** et deciza fid-9 t'Ottubru 2008, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[3] irriteniet hekk: *"Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu* ***Principles of Sentencing*** *(Heinemann, London, 1979):*

*"The term 'inadequate recidivist' is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited ... ... As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote" (pp. 22, 23).*

**20.** Mis-suespost, jidher li l-imputat f'dawn l-ahhar snin ghamel l-almu tieghu biex jitbieghed mit-triq tal-kriminalita, u jaghti ammont ta' stabbilita f'hajtu. Dan urieh anki bil-fatt li wara li issa ilu tlett snin li hareg mill-habs, huwa ma regghax waqa' ghall-vizzju tad-droga, kif kien jaghmel qabel. Il-Qorti hija tal-opinjoni li l-isforzi tal-imputat jisthoqqilhom li jigu inkoraggiti u li piena karcerarja effettiva mhix idonea fic-cirkostanzi. Minflok, il-Qorti

[2] Ara fol. 90 tal-process.
[3] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano

se tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' servizz lill-kommunita minghajr hlas, sabiex b'hekk huwa jkun jista' jaghti kontribut lis-socjeta, u indirettament jirrepara ghan-nuqqasijiet tieghu.

**Konkluzjoni**

**21.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat;

2. wara li rat l-Artikoli 261(b), (c) u (g), 263, 264, 267, 271(g), 278, 279(a), 325(1)(b), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha dedotti kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, qieghda, ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggieh taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita billi jaghmel xoghol bla hlas ghal tlett mitt (300) siegha f'dak il-post u skont l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation u Parole, bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess Ordni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

   Din l-Ordni qed issir wara li din il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u semplici l-effett ta' l-ordni, u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

3. Il-Qorti tordna lir-Registratur jibghat kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni tas-Servizz fil-kommunita annessa lid-Direttur tal-Probation u Parole.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**